MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru. 238/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**JOHN GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha John Grima ta’ 35 sena iben Philip u Mary xebba Debono imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Frar, 1973 u residenti 57, Flat 2, Triq il-Kapuccini, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ numru 125473(M).

Gie akkuzat talli fit-18 ta’ Jannar 2008 u/jew fil-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi animmal gieghel lil istess issofri

ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikol 8(2) u 8(3) tal-Att 25 ta' l-2001 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PM3 u nnutat li l-imputat John Grima m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li dan huwa kaz minimu di fatti wiehed mill-klieb ghadu haj sallum.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-art. 8(2) u 8(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat John Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat John Grima taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Grima l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------